

[Paġna Ewlenija](#) > ... > [Kwistjonijiet Tal-familja U Wirt](#) > [Ir-responsabbiltà Tal-ġenituri - Il-kustodja Tat-tfal U D-drittijiet Ta' Kuntatt](#) > [Ireland](#)

Ir-responsabbiltà tal-ġenituri - il-kustodja tat-tfal u d-drittijiet ta' kuntatt

Il-kontenut ipprovdut minn



European Judicial Network
(in civil and commercial matters)



1 Xi tfisser il-frażi fil-liġi "responsabbiltà tal-ġenituri" fil-prattika? Liema huma d-drittijiet u d-dmirijiet ta' detentur tar-responsabbiltà tal-ġenituri?

It-terminu legali "responsabbiltà tal-ġenituri" – magħruf fl-Irlanda bħala "tutela" – jirreferi għall-pussess tad-drittijiet u tar-responsabbiltajiet kollha relatati mat-tfal li jkun ngħataw bil-liġi jew bil-qorti, jew bis-saħħa ta' ftehim legali. Id-detentur ta' responsabbiltà tal-ġenituri jippossjedi fost oħrajn id-drittijiet ta' kustodja u ta' aċċess relatati mal-benesseri tat-tfal.

2 Bħala regola ġenerali, min għandu r-responsabbiltà tal-ġenituri fuq l-ulied?

Ġeneralment, il-ġenituri miżżewġin tat-tfal għandhom responsabbiltà tal-ġenituri konġunta fuq uliedhom. Fejn il-ġenituri ma jkunux miżżewġin, ġeneralment l-omm tkun id-detentur tar-responsabbiltà tal-ġenituri iżda l-missier naturali jista' jinħatar bħala tutur bi qbil bejn il-ġenituri jew bil-qorti.

3 Jekk il-ġenituri ma jkunux kapaċi jew ma jridux jeżerċitaw ir-responsabbiltà tal-ġenituri fuq uliedhom, tista' tinħatar persuna oħra minflokhom?

Iva. Il-Health Service Executive, permezz tad-diviżjoni tagħha TUSLA taċ-Child and Family Service, tista' tagħmel rikors quddiem il-Qorti Distrettwali għal tali ordnijiet għall-ħarsien meħtieġa għal tfal taħt it-tmintax-il sena. F'ċirkostanzi eċċezzjonali, il-qorti tista' taħtar tutur biex jeżerċita l-funzjonijiet ta' responsabbiltà tal-ġenituri fejn ġenitur ma jkunx jixtieq jew ma jkunx jista' jagħmel dan. F'każ ta' mewt ta' ġenitur jista' jinħatar tutur b'Testment fejn dan ikun inħatar permezz ta' testament jew kodiċill jew jista' jinħatar mill-qorti. Fin-nuqqas ta' tali ħatra, il-Health Service Executive, permezz tad-diviżjoni tagħha TUSLA taċ-Child and Family Service, tista' tagħmel rikors quddiem il-Qorti Distrettwali għal tali ordnijiet għall-ħarsien għal tfal taħt it-tmintax-il sena f'każ li l-ġenituri tat-tfal ikunu mejtin jew jekk ma jkunux kapaċi jieħdu ħsieb it-tfal tagħhom.

4 Jekk il-ġenituri jiddivorzjaw jew jinfirdu, ir-responsabbiltà tal-ġenituri kif tkun iddeterminata għall-ġejjieni?

Fil-każ ta' tfal li l-ġenituri tagħhom jiddivorzjaw jew "jinfirdu", il-kustodja u l-arranġamenti ta' aċċess jistgħu jiġu deċiżi bi qbil bejn il-ġenituri. Fejn ma jkunx jista' jintlaħaq ftehim, il-ġenituri jistgħu jippreżentaw rikors quddiem il-qorti fejn imħallef jista' joħroġ ordnijiet ta' kustodja jew ta' aċċess. Fejn iż-żewġ ġenituri jkun t-tuturi tat-tfal, din it-tutela ma tiġix affettwata minn divorzju jew minn separazzjoni, għalkemm it-tutela ta' missier barra mir-

rabta ta' żwieġ tista' – f'ċirkostanzi eċċezzjonali ħafna u unikament fejn il-benesseri tat-tfal tkun teħtieġ dan – tiġi tterminata bil-qorti.

5 Jekk il-ġenituri jilħqu ftehim dwar il-kwistjoni tar-responsabbiltà tal-ġenituri, liema formalitajiet għandhom ikunu rrispettati biex il-ftehim jorbot legalment?

Ġenituri li jikkonkludu ftehim dwar il-kwistjoni tar-responsabbiltà tal-ġenituri huma meħtieġa jippreżentaw rikors quddiem il-qorti u jiksbu digriet li jirrifletti dan li jagħmel il-ftehim legalment vinkolanti. Il-qorti trid tkun sodisfatta li kull ftehim iħares b'mod xieraq id-drittijiet tat-tfal u tista' tirrifjuta li toħroġ digriet fejn ma tkunx sodisfatta li wieħed mill-ġenituri jew it-tnejn li huma jkunu qed jonoraw l-obbligi tagħhom lejn il-minuri. Tali ftehim ma jistax itemm l-istatus ta' tutela ta' xi wieħed mill-ġenituri.

6 Jekk il-ġenituri ma jkunux jistgħu jilħqu ftehim dwar il-kwistjoni tar-responsabbiltà tal-ġenituri, liema huma l-mezzi alternattivi biex jiġi solvut il-kunflitt mingħajr intervent tal-qorti?

Individwi jistgħu jirrikorru għal metodi mhux legali ta' riżoluzzjoni tal-kunflitti bħal medjazzjoni jew permezz ta' konsulenza.

7 Jekk il-ġenituri jmorru l-qorti, liema kwistjonijiet jistgħu jiġu deċiżi mill-imħallef fir-rigward tat-tfal?

L-imħallef jista' jiddeċiedi dwar kull kwistjoni li għandha x'taqsam mal-benesseri tat-tfal inkluż iżda mhux limitat għal kwistjonijiet dwar tutela, kustodja u aċċess. Ara wkoll il-Mistoqsija Nru 4 u Nru 5 hawn fuq – it-tutela ta' ġenituri miżżewġin jew ta' omm naturali ma tistax tiġi tterminata mill-qorti għalkemm il-qorti tista' tistabbilixxi kundizzjonijiet fuq l-eżerċitar tar-responsabbiltajiet tal-ġenituri ta' persuna.

8 Jekk il-qorti tiddeċiedi li ġenitur wieħed biss għandu jkollu l-kustodja tal-ulied, dan ikun ifisser li huwa jew hija jistgħu jiddeċiedu dwar l-affarijiet kollha li jirrigwardjaw it-tfal mingħajr ma qabel jikkonsultaw lill-ġenitur l-ieħor?

Le. Filwaqt li l-ġenitur li jkollu l-kustodja unika tat-tfal għandu l-kapaċità li jiddeċiedi dwar il-kura u l-kontroll ta' kuljum tat-tfal, ġenitur li m'għandux il-kustodja tat-tfal li huwa t-tutor tat-tfal għandu d-dritt li jiġi kkonsultat dwar kull kwistjoni li taffettwa l-benesseri tat-tfal inkluż, iżda mhux limitat għall-post fejn it-tfal għandhom jingħataw l-edukazzjoni tagħhom u fejn għandhom jgħixu.

9 Jekk il-qorti tiddeċiedi li l-ġenituri għandu jkollhom il-kustodja konġunta ta' uliedhom, dan xi jfisser fil-prattika?

Kustodja konġunta tingħata lill-ġenituri fin-nuqqas ta' ostilità profonda bejn il-partijiet u tippermettilhom jieħdu deċiżjonijiet reċiproċi li jirrigwardaw il-benesseri sostanzjali tat-tfal u dwar il-kura ta' kuljum tagħhom. Dan ma jfissirx li kull ġenitur għandu d-dritt għal ħin ugwali mat-tfal; pjuttost, tiżgura li ż-żewġ ġenituri għandhom doveri u obbligi korrispondenti lejn l-ulied.

10 Għand liema qorti jew awtorità għandi nirrikorri jekk inkun irrid nippreżenta rikors dwar ir-responsabbiltà tal-ġenituri? Liema formalitajiet

għandhom ikunu rispettati u liema dokumenti għandi nehmeż mar-rikors tiegħi?

Normalment partijiet li jixtiequ jippreżentaw applikazzjoni dwar ir-responsabbiltà tal-ġenituri jagħmlu dan quddiem il-Qorti Distrettwali; madankollu, f'każ ta' ċerti applikazzjonijiet anċillari għal proċedimenti matrimonjali jista' jkun meħtieġ li japplikaw quddiem is-Circuit jew il-High Court. Il-High Court għandha ġurisdizzjoni esklussiva fi kwistjonijiet li għandhom x'jaqsmu mas-Sekwestru tat-Tfal.

11 Liema proċedura tapplika f'dawn il-każijiet? Jista' wieħed jagħmel użu minn proċedura ta' emerġenza?

Iva. Huwa possibbli li jiġi ppreżentat rikors *ex parte* quddiem il-qorti, li jfisser mingħajr notifika lill-parti l-oħra, f'ċirkostanzi fejn it-tfal jistgħu jitpoġġew f'riskju f'każ li l-applikant jinnotifika lill-konvenut bil-mod użwali.

12 Nista' nikseb għajjnuna legali biex inkopri l-ispejjeż tal-proċedura?

Iva. L-Għajjnuna Legali tinkiseb permezz tal-Iskema ta' Għajjnuna Legali Ċivili (*Civil Legal Aid Scheme*). Din l-iskema hija soġġetta għal test tal-mezzi.

13 Ikun possibbli li jsir appell kontra deċiżjoni dwar ir-responsabbiltà tal-ġenituri?

Iva. Huwa possibbli li jiġi ppreżentat appell kontra deċiżjoni tal-qorti tal-prim'istanza, jiġifieri l-qorti fejn ikunu nbdew il-proċedimenti; madankollu, ġeneralment mhuwiex possibbli li wieħed jappella kontra s-sentenza tal-qorti tal-appell.

14 F'ċerti każijiet, jista' jkun meħtieġ li wieħed japplika lill-qorti jew lil awtorità oħra għall-eżekuzzjoni ta' deċiżjoni dwar ir-responsabbiltà tal-ġenituri. Liema proċedura tapplika f'każ bħal dan?

Individwi li jippruvaw jinfurzaw deċiżjoni dwar ir-responsabbiltà tal-ġenituri għandhom jikkonsultaw ir-regoli tal-qorti jew tal-istituzzjoni rispettiva. Minbarra applikazzjonijiet *ex parte*, hemm bżonn li tgħarraf lill-konvenut bl-intenzjoni tiegħek li tibda xi proċedura bil-għan li teżegwixxi sentenza.

15 X'għandi nagħmel biex deċiżjoni dwar ir-responsabbiltà tal-ġenituri maħruġa minn qorti fi Stat Membru ieħor tiġi rikonossuta u infurzata f'dan l-Istat Membru?

Jekk jogħġbok ara t-tweġiba għall-Mistoqsija Nru 14.

16 F'liema qorti f'dan l-Istat Membru għandi nirrikorri biex nopponi r-rikonossiment ta' deċiżjoni dwar ir-responsabbiltà tal-ġenituri maħruġa minn qorti fi Stat Membru ieħor? Liema proċedura tapplika f'dawn il-każijiet?

Il-High Court, li għandha ġurisdizzjoni sħiħa u oriġinali.

17 Liema liġi għandha tiġi applikata mill-qorti fi proċediment dwar ir-

responsabbiltà tal-ġenituri meta t-tfal jew il-partijiet ma jkunux jgħixu f'dan l-Istat Membru jew ikunu ta' nazzjonalitajiet differenti?

L-Att dwar il-Protezzjoni tat-Tfal (Konvenzjoni tal-Aja) tal-2000 jagħti saħħa legali lill-Konvenzjoni tal-Aja tal-1996 dwar il-Ġurisdizzjoni, il-Liġi Applikabbli, Rikonoxximent, Infurzar u Kooperazzjoni dwar ir-Responsabbiltà tal-Ġenituri u Miżuri għall-Protezzjoni tat-Tfal li tapplika f'dan il-qasam; barra minn hekk, ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2201/2003 dwar il-ġurisdizzjoni u r-rikonoxximent u l-infurzar ta' sentenzi fi kwistjonijiet matrimonjali u kwistjonijiet ta' responsabbiltà tal-ġenituri (Brussell II bis) huwa applikabbli wkoll f'dan il-qasam.

Din il-paġna web hija parti minn [L-Ewropa Tiegħek](#).

Nilqgħu l-[feedback](#) tiegħek dwar l-utilità tal-informazzjoni pprovduta.



L-aħħar aġġornament: 16/04/2024

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali ta' din il-paġna tinżamm mill-punt ta' kuntatt tan-NĠE rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidhirx fit-traduzzjonijiet. La l-NĠE u lanqas il-Kummissjoni Ewropea ma jaċċettaw ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.